MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 48/2000/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Theresa Borg (u b'digriet tal-Bord tal-5 ta' Mejju 2004, wara l-mewt tal-istess, l-atti kienu trasfuzi f'isem Joseph, Angela, John u Mariella ahwa Borg), Mariella Borg, Angela Tanti u Vittoria Debono (u b'digriet tal-Bord tat-3 ta' Lulju 2006 l-atti kienu trasfuzi f'isem Kevin Debono stante l-mewt ta' ommu Vittoria Debono fil-mori tar-rikors)**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikat\i b'Avviz ghall-Ftehim datat 4 ta' Lulju, 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fin-Naxxar tal-kejl ta' madwar

2216 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u Lvant ma' proprjeta' tal-Gvern u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Carmel Borg u ohrajn huwa ta' elf u mitt lira Maltija (Lm1,100) kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V. Sutton A&CE tal-25 t'April 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'zewg ittri ufficjali, wahda datata 25 ta' Lulju 2000 u l-ohra 26 ta' Lulju 2000 l-intimati fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' ghaxart elef liri Maltija (Lm10,000) fil-kaz ta' l-intimata Vittoria Debono u tletin elf Lira Maltija (Lm30,000) fil-kaz tal-intimati Theresa Borg, Mariella Borg u Angela Tanti.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra ir-risposta tal-intimati Theresa Borg u Mariella Borg li tghid hekk:

Illi s-somma ta' elf u mitt liri Maltin (Lm1,100) ma tirriflettix il-valur gust tal-art plot 5f libera u franka ta' kejl ta' madwar 2216 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u mil-Lvant ma' proprjeta' tal-Gvern u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Carmel Borg fin-Naxxar, u ghalhekk l-esponenti permezz ta' ittri ufficjali datati 25 ta' Lulju 2000 u 26 ta' Lulju 2000 ma accettawx il-kumpens offert mill-Kummissarju tal-Art.

Illi l-valur tal-istess kumpens ghandu jkun ta' Lm30,000 (tletin elf lira Maltin) li jirrifletti l-valur fuq is-suq tal-istess art illum zviluppata.

Illi ghalhekk l-esponenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu, prevja n-nomina ta' perit, jordna kumpens adegwat ghax-xiri tal-istess art.

Ra wkoll ir-risposta ta' Vittoria Debono li tghid:

Illi l-kumpens offrut ta' Lm1,100 ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fin-Naxxar tal-kejl ta' 2216 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u mil-Lvant ma' proprjeta' tal-Gvern u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Carmel Borg u ohrajn, huwa baxx hafna mehud in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni ta' din l-art, iz-zminijiet prezenti u l-prezzijiet ghal art bhal din li huma ferm ghola.

Illi l-art tista tkun fabbrikabbli u zviluppabbli.

Illi fuq l-art de quo, hemm parti minnha li ntuzat bhala triq filwaqt illi parti ohra ntuzat ghall-bini tal-appartamenti ghal residenzi.

Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semgha x-xhieda;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-perit arkitett ta' wahda mill-intimati, xehed illi l-valur ta' sehem minn sitta ta' din l-art [ghal 369.33 metru kwadru] huwa ta' Lm10,000 ghall-Utile Dominju u dan f'kaz li l-art tkun meqjusa agrikola.

Illi f'din il-materja, l-Bord kien assistit mill-membri teknici tieghu, l-AIC Joseph Briffa u l-AIC Godfrey Vella, li wara li hadu konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u x-xhieda moghitja, waslu ghall-konkluzzjoni unanima u kkonkludew l-inkarigu taghhom bil-mod segwenti:

Qed jigi prezentement stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tan-natura agrikola ta' l-art in kwistjoni, ghandu jkun ta' disa t'elef Lira Maltin (Euro 20,960) fil-kaz ta' l-intimata Vittoria Debono, u seba u ghoxrin elf Lir Maltija (Euro 62,890) fil-kaz ta' l-intimati Theresa Borg, Mariella Borg u Angela Tanti.

Illi l-valur totali tal-art stmata mill-periti membri huwa ta' Lm36,000 ekwivalenti ghall-Euro 83,857.44 u dan billi l-periti membri stmaw kull l-erba ishma fl-ammont ta' disat elef lira maltin kull wiehed minkejja li r-rikors promutur kien wiehed ghas-sidien kollha;

Il-Bord ghalhekk jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jitrasferixxu lir-rikorrenti b'xiri assolut bhala libera u franka l-art agrikola fin-Naxxar tal-kejl ta' madwar 2216 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u Lvant ma' proprjeta' tal-Gvern u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Carmel Borg u ohrajn u dan versu l-prezz ta' tlieta u tmenin elf tmien mija seba u hamsin euro u erba u erbghin centezmu (Euro 83,857.44) oltre l-imghax legali dovut lis-socjeta' intimata. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-13 ta' Novembru , 2009 fis-2.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Michael Camilleri LL.D., biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------